26 ta' Ġunju, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Major Roger Leigh Trapnell ne. *versus* Emmanuele Muscat

## Traffiku — Kolliżjoni — Danni — "Contributory Negligence — Kuruna — Azzjoni "De In Rem Verso".

***Min ikun isuq karrozza u jasal biex joħroġ fuq triq prinċipali, għandu l-obligu grari li qabel jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfissirx illi min ikun isuq fit-triq prinċipali huwa dispensat mill-obligu ta' kull "road-user" li juża d-diliġenza meħtieġa fis-***

*sewqan, imma l-obligu ta' min ikun ħiereġ fuq it-triq prinċipali huwa innegabilment akbar.*

*Meta l-ħtija tal-kolliżjoni tkun assorbenti, ma hemmx kwistjoni ta' "contributory negligence"; għax il-ħtija tkun kawża unika tad-dannu, u r-responsabbiltà tal-kolliżjoni taqa' kollha fuq min ħoloq l-istat ta' emerġenza.*

*Il-Kuruna li tħallas is-salarji ta' l-impiegati tagħha għaż-żmien li fih ma jkunux kapaċi għax-xogħol minħabba l-kolliżjoni, u li tikkura u tmantni fi sptar lil dawk l-impjegati f'dak iż-żmien, għandha l-azzjoni "de in rem verso" għar-rimborż ta' dawn l-ispejjeż kontra d-danneġġjant. Anzi lanqas għandha bżonn tirrikorri għall-prinċipji li huma l-bażi ta' din l-azzjoni; għax id-danneġġjat jista' jaġixxi kontra d-danneġġjant għall-konsegwenzi kollha preġudizzjali għall-patrimonju ta' l-offiż, purkè bejn id-danni u l-fatt kolpuż ikun hemm ir-rapport ta' kawża u effett.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi fl-10 ta' Frar 1945, waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq it-truck numru 5620 l-Imsida, huwa, minħabba negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, ħabat mal-motor cycle tad-Dipartiment tal-Gwerra numru A.3039 u kkaġuna offiża gravi lill-Kapural Raymon Cotton u ħsara fil-motor cycle fuq imsemmi; u illi l-attur nomine sofra danni, sija minħabba l-ħsara li saret fil-motor cycle fuq imsemmi, u sija wkoll minħabba li l-imsemmi Kapural Cotton, li huwa fis-servizz, dam għal ħafna żmien inkapaċitat għas-servizz u taħt kura fl-Isptar Militari, fil-waqt illi l-Kuruna, skond r-regolamenti, baqgħet tħallas il-paga u l-"allowance" tiegħu, u nkorriet l-ispejjeż meħtieġa għall-kura tiegħu; u talab li jiġi dikjarat minn dina l-Qorti illi l-konvenut huwa responsabili, minħabba negliġenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tiegħu, għall-ħsara kollha kaġunata lill-attur nomine fl-imsemmija kolliżjoni; u (2) li jiġi kunndannat iħallas lill-attur nomine, sija in virtù ta' l-azzjoni diretta li dana għandu, u sija in virtu ta' l-azzjoni "de in rem verso", is-somma ta' £115. 11. 10, jew somma oħra verjuri li tiġi għall-bżonn likwidata, bħala ammont tad-danni, konsistenti sija fil-ħsara fil-motor cycle fuq imsemmi u sija wkoll fit-telf tax-xogħol u tas-servizz, u fl-ispejjeż ta' kura fl-Isptar ta' l-istess Kapural Raymond Cotton. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza li tingħata, kompriżi l-ispejjeż ta'.

l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Novembru 1945. Il-konvenut għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi mill-provi miġbura mill-perit legali adoperat mill-Qorti f'din il-kawża jirriżulta illi fl-10 ta' Frar 1945 il-konvenut kien isuq truck, u minn Sawmill Street, l-Imsida, kien ħiereġ fuq Rue D'Argens biex jilwi 'l-fuq għas-Savoy. F'dan il-waqt kien għaddej minn Rue D'Argens, ġej min-naħa tas-Savoy, Corporal Cotton, riekeb fuq motor cycle tas-servizz, u fl-angolu format miż-żewġ toroq fuq imsemmija saret il-kolliżjoni:

Illi l-lokalità hi waħda konoxxuta; u hu indiskutibili illi Rue D'Argens għandha titqies il-"major road" fil-konfront ta' Sawmill Street...........;

Illi għalhekk ma hemmx lanqas dubju illi l-konvenut kellu l-obligu gravi illi, qabel ma joħroġ fuq it-triq prinċipali, jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha. Hu veru dak li osserva fin-nota tiegħu d-difensur tal-konvenut, illi b'daqshekk dak li jkun fit-triq prinċipali ma hux dispensat mill-obligu ta' kull "road user", li juri d-diliġenza meħtieġa; imma l-obligu ta' min ikun ħiereġ fuq it-triq prinċipali hu innegabilment akbar. Il-prinċipju ġie ċċarat mill-Qrati ta' l-Iskozja fid-deċiżjoni "Hutchinson vs. Leslie", 1927, S.C. 95, fejn intqal hekk:— "The side-road driver has a higher duty only in this sense, that anyone who is called on to fulfil a duty which is riskier than another duty, is bound to use "greater" care than he who is carrying out the other. Now, entering one road from another is more difficult than continuing straight along the same road; and for that reason the side-road user must use more care";

Illi ċ-ċirkustanzi tal-każ juru ċar illi l-konvenut ittraskura għal kollox dan id-dover elementari. Infatti...........;

Illi ma hemm ebda "contributory negligence" mill-parti ta' Cotton............. Is-sitwazzjoni ta' emerġenza ma ġietx maħluqa minn Cotton, imma mill-konvenut; u meta l-ħtija tkun assorbenti, ma hemmx kwistjoni ta' "contributory negligence", għaliex dik il-ħtija tkun "kawża unika" tad-dannu;

Illi għalhekk ir-responsabbiltà tal-kolliżjoni kienet biss tal-

konvenut, u d-deklaratorja ġenerika għad-danni għandha tigi milqugħa;

Ikkunsidrat kwantu għall-aċċertament tad-danni;

Illi l-konvenut jikkontesta l-ammissibilità ta' l-"actio de in rem verso" f'dan il-każ, kwantu għall-partiti tad-dannu li jirrigwardaw is-salarju ta' Cotton u l-ispiża tal-manteniment u kura tiegħu fl-Isptar;

Illi, kuntrarjament għal dak li pprova jsostni l-konvenut fin-nota tiegħu, il-prinċipji ta' l-"actio" fuq imsemmija huma ammissibili, kif gà ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell "in pari materja" fil-kawża 'Admiral Ford vs. Galea" 29 ta' Jannar 1910. Infatti, kif irrilevat dik il-Qorti, wara li esponiet il-prinċipji dottrinali ta' dik l-azzjoni, la darba l-Kuruna ħallset is-salarju lid-danneġġjat, għalhekk dan, kieku kellu jaġixxi kontra d-danneġġjant, ma kienx jinkludi fit-talba tiegħu t-telf tas-salarju, u b'hekk kien ikun hemm arrikkiment indebitu favur id-danneġġjant. Fil-każ preżenti, il-Kapural Cotton irċieva s-salarju fiż-żmien rilevanti għall-każ, u ġie kkurat u mantnut l-Isptar. Fl-eventwalità ta' azzjoni tiegħu kontra l-konvenut, dawn il-partiti, peress li għalih ma kienux telf, ma kienux jigu nklużi fid-danni, u b'hekk kien ikun hemm arrikkiment tal-konvenut bi ħsara tal-Kuruna li sofriet dawk id-danni;

Illi l-Imħallet sedenti hu ta' fehma illi l-attur ma għandux lanqas bżonn li jirrikorri għall-prinċipji li huma għab-bażi ta' l-"action de in rem verso". Infatti, kif qal l-Imħallef Pollock fil-kawża "Rigby vs. Hewitt", 8 ta' Mejju 1850, "............. generally speaking, where an injury arises from the misconduct of another, the party who is injured has a right to recover from the injuring party for all the consequences of that injury". Issa dawn il-konsegwenzi preġudizzjali għall-patrimonju ta' l-offiż huma mhux biss dawk diretti, imma anki indiretti, basta jkun hemm bejn id-danni u l-fatt kolpuż rapport ta' effett u kawża. La darba jkun hemm dan in-ness ta' kawżalità, allura d-dannu, sew dirett kemm indirett, hu riżarċibili. Qalet tajjeb għalhekk il-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Torin, fid-deċiżjoni tagħha "Lagomarsino vs. Comune di Nervi", 25 ta' Settembru 1889 (Coen, Rep. Voce Danni e Responsab., para. 1615) :— "Nell'indennità dovuta per danni procedenti da colpa aquiliana si computano

anche i danni indiretti, purchè il magistrato di merito.......... giudichi esistere tra essi e il fatto colposo rapporto di causa ed effetto". It-"test", skond id-dottrina Ingliża in materja, hu jekk "the original cause continued to operate". Dina "ceases to operate", u b'hekk iċ-"chain of causation is broken", meta jkun hemm "some independent intervening cause" li taghmel id-danni "remote" (ara Halsbury, Vol. X, Damages). Issa f'dan il-każ id-deġenza tad-danneġġjat fl-Isptar, li ġiebet il-ħlas tas-salarju bla korrispettiv, u l-kura, kienet dejjem dovuta għall-kolliżjoni u mhux għal xi kawża li "supervened". Issa l-Kuruna, fiż-żmien li Cotton dam l-Isptar, tatu s-salarju "bla ma ħadet il-korrispettiv tax-xogħol tiegħu"; u la tilfet dan il-korrispettiv minħabba l-konvenut, li bl-għemil tiegħu inkapaċita lil Cotton, għalhekk għandha l-jedd li tinkludi fost id-danni l-ekwivalenti tal-korrispettiv mitluf, jiġifieri s-salarju. Għall-kura u l-manteniment tiegħu fl-Isptar il-Kuruna ħarġet spiża li, kieku Cotton ma korriex, ma kienetx tinkorri, u għalhekk anki dik l-ispiża hi preġudizzju patrimonjali riżarċibili, bla ma jimporta jekk minflok Cotton, kieku l-Isptar kien mimli (kif argumenta l-konvenut), kienx jiġi mdaħħal pajżan u jħallas lill-Kuruna nofs lira kuljum għad-deġenza tiegħu fl-Isptar. Il-verità hija illi l-Kuruna ħarġet spiża li, diversament, ma kienetx toħroġ;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-partiti ta' £15. 13. 6 għall-ħsara talmotor cycle, il-Qorti taqbel mal-perit li din hija spiża raġjonevoli.............. Ebda kontestazzjoni serja ma saret millkonvenut dwar dan l-"item";

Illi hija anki dovuta s-somma ta' £39. 10. 0 ekwivalenti għall-manteniment u kura ta' Cotton fl-Isptar........... Binnofs lira kuljum, li tidher raġjonevoli, is-somma hi dik likwidata mill-perit, jiġifieri £39. 10. 0;

Illi hu anki dovut is-salarju ta' Cotton bir-rata ta' 8s. 4d. kuljum għal dana l-perijodu ta' deġenza tiegħu fl-Isptar. Issa l-perit legali qata' minn dan l-ammont il-valur ġornaljer tar-razzjon li, kieku ma kienx l-Isptar, kien jingħata lil Cotton, bir-rata ta' 3s. 5d. kuljum. L-attur nomine fin-nota tiegħu ikkritika din il-parti tar-relazzjoni. fuq ir-rifless illi r-"ration" ma hux kompriż fis-salarju, imma jingħata extra.

Din l-osservazzjoni però ma tivvulnerax ir-raġunament u l-operat tal-perit, għaliex jibqa' veru illi fil-perijodu li Cotton kien l-isptar il-Kuruna ma tatux "ration", u għalhekk it-trankat l-ekwivalent, kalkulat bit-3s. 3d. kuljum, li għandu jinqata'. Infatti l-Kuruna f'dan il-perijodu ħarġet l-ispiża tad-dieta ta' Cotton l-isptar u qiegħda teħodha fis-somma fuq likwidata ta' £39. 10. 0..............; għalhekk l-ammont dovut taħt dan il-kap hu dak likwidat mill-perit, jiġifieri £19. 8. 5;

Illi kwantu għaż-żewġ perijodi ta' konvalexxenza ta' Cotton.............. il-perit opina illi għal dan il-perijodu, li fih il-Kapural Cotton kien "fit for light duties", u fil-fatt għamel xogħol ta' uffiċċju, il-Kuruna għandha tiġi akkreditata biss b'nofs is-salarju, fuq ir-rifless illi hi ma tilfetx il-korrispettiv kollu tax-xogħol ta' Cotton, imma xi xogħol minnu ħadet. Il-perit legali però jidher li ħass xi dubju dwar din il-partita, għaliex mill-kliem ta' l-aħħar paragrafu fol. 27 jittrapela illi hu ma eskludiex l-ipoteżi illi l-Qorti tkun ta' fehma li ebda parti tas-salarju ma għandha tiġi rimborżata bħala dannu għal dan il-perijodu ta' konvalexxenza. Fil-fatt il-Qorti hekk taħsibha. Id-danni ma għandhomx ikunu problematiċi, imma ċerti. Issa, ġaladarba dan Cotton għal xi xogħol daħal, allavolja ta' uffiċċju, mentri proprjament xogħlu kien ta' driver, hu diffiċli illi wieħed jissottilizza biex jgħid illi l-Kuruna tilfet id-differenza bejn xogħlu bħala addett fl-uffiċċju u xogħlu bħala addett għas-sewqan ta' motor cycle. Jibqa' illi Cotton kien qiegħed jagħmel xogħol presumibilment utili, u jekk ma kienx qiegħed jagħti l-ġurnata tiegħu ta' xogħol bħala driver, kien qiegħed jagħtiha bħala addett f'uffiċċju. Għalhekk il-Qorti ma hix ta' opinjoni illi għandu jingħata riżarċiment taħt dan il-kap;

Illi fin-nota tiegħu fol. 41 tergo l-attur nomine inkluda l-kost tar-razzjon għall-perijodu tal-konvalexxenza; imma dan għandu jiġi eskluż għall-istess raġuni li għaliha ġie eskluż ir-rimborż tas-salarju għall-istess perijodu..............;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiderixxi għall-ewwel domanda;

Billi kwantu għat-tieni domanda tillikwida d-danni fis-somma globali ta' £74. 11. 11 (kompost mit-tliet somom ta'

£15. 13. 6, £39. 10. 0 u £19. 8. 5), u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata, bl-imgħax legali mil-lum;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.